# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 684/2012/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Juanita Fenech**

Illum 28 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellata **Juanita Fenech**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 148761(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Ġunju 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-gżejjer:

1. xjentement għamlet użu minn kitba jew skrittura falza *ai termini* ta' Artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz *ai termini* ta' Artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni jew għamlet użu minn dokument ieħor falsifikat *ai termini* ta' Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi biex tieħu liċenzja ta' vettura bil-mutur, jew biex tieħu ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt din l-Ordinanza għamlet dikjarazzjoni falza jew ħbiet xi informazzjoni sostanzjali *ai termini* ta' Artikolu 19 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti *ai termini* ta' Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u minnhom illiberata skont il-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-14 ta' Ġunju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellata ħatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellata ħatja tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u minflok issib lill-appellata Juanita Fenech ħatja tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontriha u tikkundannaha għall-piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Mejju 2024.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn din illiberat lill-appellata mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni filwaqt li tħassarha għal dak li jirrigwarda t-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni u minflok issib lill-appellata ħatja tagħhom u b'hekk jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-appellata għall-piena skont il-liġi.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li permezz ta' ittra datata 21 ta' Ġunju 2011 is-soċjeta' Percius Car Hire Ltd. irrappurtat lill-appellata allura imputata minħabba li allegatament għamlet dikjarazzjonijiet foloz f'*insurance proposal form* rigward vettura tal-għamla Peugeot 207. Jidher li l-vettura in kwistjoni kienet fil-pussess tal-appellata. Fl-istess ittra jirriżulta li s-soċjeta' Percius ripetutament talbu lill-appellata sabiex tirritorna l-vettura in kwistjoni stante li din kienet tidher f'isem is-soċjeta' imsemmija. Jidher li l-kwistjoni kienet damet sejra tant li l-assigurazzjoni fuq il-vettura kienet skadiet. Jingħad li b'xi mod l-appellata rnexxielha ġġedded il-liċenzja u l-assigurazzjoni mingħajr il-kunsens tas-soċjeta' Percius. L-appellata allegatament qalet li kienet ġeddet il-liċenzja u l-assigurazzjoni tal-vettura minħabba li kienet il-mara ta' wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' Percius iżda tikkonferma li fiż-żmien tal-każ kienet għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li tiskarta l-verżjoni tal-appellata. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta l-istqarrija tagħha u jispjega li l-pożizzjoni tal-Qrati Maltin evolviet fiż-żmien biex tiġi tirrifletti l-pożizzjoni adottata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ikompli li l-pożizzjoni tal-Qorti Ewropea hija li kull każ irid jiġi mistħarreġ individwalment. Jispjega li trid issir distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn ma kienx hemm jedd għal assistenza legali u dawk il-każijiet fejn ikun inkiseb parir qabel l-istqarrija iżda ma jkunx hemm assistenza waqt l-interrogazzjoni. L-appellant jargumenta li anke l-Qorti Kostituzzjonali qed tidderiġi l-Qrati sabiex meta jiġu biex iqisu jekk stqarrija għandhiex valur probatorju meta ma tingħatax assistenza legali huma għandhom jaraw l-evidenza fid-dawl tat-totalita' tal-każ. Ikompli li għalhekk il-linja hija li kull każ irid jiġi mistħarreġ individwalment speċjalment f'dawk il-każijiet fejn il-persuna mixlija tkun ikkonsultat mal-avukat qabel l-istqarrija. Jispjega li dan il-każ ma jittrattax minorenni jew xi persuna vulnerabbli u jgħid li fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti l-appellata ngħatat id-dritt tikkonsulta ma' l-avukat tagħha u ngħatat ukoll it-twissija u d-drittijiet tagħha. Jisħaq li minbarra l-istqarrija tressqu numru ta' provi oħra u li l-istess stqarrija saret b'mod volontarju. Jgħid li ma tressaq l-ebda lment dwar il-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tal-appellata allura imputata.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed tiskarta l-istqarrija li l-appellata allura imputata tat lill-investigaturi fil-31 ta' Mejju 2012 u qieset li din l-istqarrija ma kellha l-ebda valur probatorju u dana peress li qieset is-segwenti (*a fol.* 280): *"u dana fuq l-iskorta ta' sentenzi fir-rigward u ċioè għar-raġuni illi l-imputata kienet irrilaxxjat tali stqarrija meta ma kienitx assistita minn avukat."* Għal kull buon fini jingħad ukoll li minħabba din ir-raġuni, l-Ewwel Qorti skartat ukoll dik il-parti tax-xhieda li kien ta l-iSpettur Maurice Curmi fejn fid-depożizzjoni tiegħu huwa għamel

riferenza għall-istqarrija ta' l-appellata allura imputata u wkoll għal dak li qalet l-istess appellata.

Illi l-istqarrija li ġiet skartata mill-Ewwel Qorti hija dik tal-31 ta' Mejju 2012 (Dok. "1" – *a fol.* 14 *et seq.*). Din l-istqarrija jirriżulta li ttieħdet wara li l-appellata allura imputata ngħatat id-dritt li tieħu parir legali u hija rrinunzjat għalih (Dok. "2" – *a fol.* 17).

Illi għal kull buon fini jingħad li fiż-żmien li l-appellata allura imputata ġiet mitluba tirrilaxxa l-istqarrija tagħha ma kienx għadu daħal fis-seħħ id-dritt li waqt it-teħid ta' tali stqarrija hija jkollha preżenti <u>magħha</u> avukat tal-għażla tagħha. Apparti minn dan, din il-Qorti hija konxja tal-ġurisprudenza li ngħatat f'dan ir-rigward tul is-snin.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah** (Numru 10/2018) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) spjegat hekk:

> "11. Now although it is amply clear from the evidence found in the acts that accused was administered his rights at law as applicable at the time, and although it is also uncontested that he availed himself of such right before being questioned by the police, however there is no evidence in writing of this request as outlined in article 355AT. This being premised, however, as the Attorney General rightly points out respondent's plea is directed towards the lack of legal assistance during interrogation and not prior to being questioned, the manner and duration of the exercise of this right not being put into question by accused himself.
>
> 12. Now, accused in this case, as in the other cases cited by the Criminal Court in its judgment, does not attack the probative value of the statements on any particular rule of penal law empowering the Court to reject it, but relies solely on the presumption that admitting this piece

of evidence would prejudice his right to a fair hearing, having been denied the right to have his lawyer present during interrogation, resulting therefore, in his opinion, to a denial of his right to mount a defence in a situation where incriminating statements were made to the police.

13. Reference is being made to two recent judgments which, in this Court's opinion, shed a clear light on the correct interpretation of how a statement released by a suspect without legal assistance at interrogation stage should be considered, when assessing the weight to be given to this piece of evidence.

14. "**Farrugia vs. Malta**" (63041/13) decided on the 7th. October 2019 and "**Stephens vs. Malta**" (35989/14) decided on the 14th. January 2020, set out the principle that 'systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an *ab initio* violation of the right to a fair hearing'. These judgments confirmed the position taken by the Grand Chamber in the *Beuze* (9th. November 2018) case that in order to establish whether a statement taken without the assistance of a lawyer is deemed to violate the accused's constitutional right to a fair hearing, one must apply a two-stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction, together with an examination of the overall fairness of the proceedings, the Court thus establishing a test to be carried out on a case-by case basis, rather than laying out general rules and principles which are to govern this alleged violation where the right to legal assistance has been withheld. Each case, thus, has to be examined on its own merits by applying the *Beuze* guidelines to the specific facts presented in every individual case being assessed

15. Regarding the first test relating to the concept of 'compelling reasons' the European Court in the above-mentioned cases stated that:

***"The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention".***

16. Referring to the domestic case in issue, it is clear that this test has not been satisfied, since no compelling reason was put forward to justify the lack of the presence of a lawyer during interrogation, other than the fact that it was not permissible by law at the time when it was released by accused.

17. However this test alone does not automatically render such a statement inadmissible at law since the second test laid out by the ECtHR has to be overcome when deciding whether a statement should or should not be expunged from the records of the proceedings. The 'overall fairness' assessment of the proceedings must be examined in order to assess the weight which is to be given to the statement released at interrogation stage, as a piece of evidence when reaching judgement. The ECtHR provided the following non exhaustive list of factors to be taken into account.

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where*

*an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

> (j) *other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

18. Since in the present case the proceedings are still at pretrial stage it would be outside the remit of this Court, at this juncture, to examine whether these criteria have been satisfied since the trial has not taken place, and also because the Court cannot, at this stage enter into the merits of the case and comment on the weight to be given to any evidence found in the acts, such exercise entrusted solely to the jury at the trial, with this Court also precluded from addressing any matter having constitutional ramifications. Having thus premised, however, if at this stage of the proceedings it results to the Court that any one or more of the criteria laid out by the ECtHR constitute a serious and blatant prejudice to the administration of justice then this would justify the expunging of the statement released by the accused from the acts prior to the celebration of the trial by jury, and this in the supreme interest of justice.

19. In this particular case, however, during committal proceedings, accused did not allege that the police had exerted pressure on him during interrogation, or that his statement was obtained by means of promises or suggestions of favour. He did not allege that he was in a vulnerable state prior to releasing his statement, nor did he allege that he was not explained his rights at law, foremost amongst which his right to silence. Moreover, it does not appear that accused is alleging that his statement was released in violation of article 658 of the Criminal Code. Neither did accused, during committal proceedings, request to bring forward any evidence suggesting otherwise and this as was his right in terms of article 405(5) of the Criminal Code.

[…]

> 22. The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew Zarb et** (Numru 17/2013) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "19. "**Farrugia vs. Malta**" (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u "**Stephens vs. Malta**" (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi ***'systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing'***. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u ukoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ *"overall fairness"* tal-proċeduri fl-intier tagħhom. Illi allura l-QEDB dejjem saħħqet illi l-evalwazzjoni dwar jekk seħħitx din il-vjolazzjoni ssir in bażi għaċ-ċirkostanzi fattwali u legali partikolari għall-kull każ u li għalhekk mhux possibbli li jittieħed approċċ uniku u uniformi b'mod ġenerali applikabbli għal każijiet kollha billi kull każ irid ikun eżaminat għalih, kif ingħad.

[....]

23. Issa ġaldarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u il-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżamina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari, kif lanqas tista' din il-Qorti tidħol biex teżamina vjolazzjonijiet ta' xejra kostituzzjonali. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa biss fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalha, f'dan l-istadju, li huwa evidenti li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

[....]

30. Għalhekk magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrijiet rilaxxati mill-appellati odjerni jekk jirriżulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellati dejjem jibqgħalhom id-dritt li jitolbu reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol v. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.
>
> [...]
>
> 15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.
>
> 16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo agitur* jiġu diskussi f'dan l-istadju *in vacuo.* Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti

Kriminali hemm il-possibbilita' li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu.

18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fis-sentenzi kkwotati hawn fuq, din il-Qorti tinnota li minn analiżi li għamlet tal-atti proċesswali, b'mod partikolari tal-istqarrija rilaxxata mill-appellata allura imputata ma jirriżultax li l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet permezz ta' xi forma ta' pressjoni eżerċitata mill-Pulizija. Din il-Qorti tinnota li l-appellata allura imputata ma lmentatx li kienet vulnerabbli. Wieħed lanqas jista' jgħid li l-Pulizija naqsu milli jispjegaw id-drittijiet li kellha l-appellata. Lanqas ma jirriżulta li tali stqarrija ttieħdet bi ksur ta' Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment lanqas jirriżulta li l-appellata allura imputata talbet li tressaq xi evidenza sabiex tipprova li l-istqarrija tagħha ttieħdet bi ksur tal-istess Artikolu 658.

Illi b'hekk isegwi li l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li s-sentenza appellata hija waħda *"unsafe and unsatisfactory"* u li l-livell tal-provi milħuq mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawża kien biżżejjed sabiex iwassal għal sejbien ta' ħtija fl-appellata. L-appellant jibda billi jiċċara li l-appell huwa dwar il-ħelsien tal-appellata allura imputata mit-tieni (2) u mir-raba' (4) imputazzjoni, ossia minn Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 19 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament. Ikompli li dan il-każ jirrigwarda dikjarazzjoni falza fil-*proposal form* ta' assigurazzjoni tal-vettura li ġiet preżentata lis-soċjeta' Atlas Insurance fit-23 ta' Mejju 2011 sabiex tinkiseb polza ta' assigurazzjoni għal vettura Peugeot 207. L-appellant jgħid li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova neċessarju sabiex jirnexxielha turi li l-appellata għamlet dikjarazzjonijiet foloz u li dawn kienu jammontaw għal reat *ai termini* ta' Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidentifika liema dikjarazzjonijiet huma allegatament foloz u jgħid li dawn huma s-segwenti:

- *"Is the vehicle owned or registered in the name of a person other than yourself? – NO."*

- *"Have you or any of the named drivers been prosecuted or convicted of any offence or is any prosecution pending? – NO."*

- *"Have you or any of the named drivers had any loss, accident or claim during the last 5 years in connection with any motor vehicle? – NO."*

- *"Is the vehicle in a good state of repair? – YES."*

Illi dwar l-ewwel dikjarazzjoni, l-appellant jirreferi għax-xiehda tar-rappreżentant ta' Trasport Malta li jikkonferma li l-vettura in kwistjoni hija reġistrata fuq is-soċjeta' Percius Car Hire Limited. Dwar it-tieni dikjarazzjoni jirreferi għax-xiehda tal-iSpettur Elton Taljana fejn jikkonferma li meta ġiet preżentata din il-formola, l-

appellata kienet għaddejja minn proċeduri kriminali. Jgħid li dan huwa muri wkoll mill-fedina penali tal-appellata. Dwar it-tielet u r-raba' dikjarazzjoni ssir riferenza għall-istqarrija tal-appellata fejn l-appellata allura imputata tammetti li kellha inċident ta' traffiku kif ukoll li l-vettura ma kinitx fi stat tajjeb minħabba li ma sarux it-tiswijiet neċessarji u li minħabba dan l-istat kull darba li kienet toħroġ biha kienet tlaqqat ċitazzjoni u għalhekk ma kinitx toħroġ aktar biha. L-appellant jagħmel riferenza wkoll għad-depożizzjoni mogħtija mir-rappreżentant tas-soċjeta' Elmo Insurance (*a fol.* 59 *et seq.*) li skont hu turi li l-vettura in kwistjoni kienet involuta f'inċident tat-traffiku.

Illi rigward il-punt ta' min iffirma d-dikjarazzjoni fil-*proposal form*, l-appellant jagħmel riferenza għal dak li jgħid l-espert u jisħaq li l-Qorti ma għandhiex għalfejn toqgħod fuq parir tal-espert kontra l-konvinzjoni tagħha. Jgħid li fil-każ odjern hemm raġunijiet tajba sabiex din il-Qorti ma toqgħodx fuq din l-opinjoni. Jisħaq li l-kampjun li ttieħed mill-espert ittieħed tmien snin wara li ġiet iffirmata l-*proposal form*. Jispjega wkoll li fil-fehma tiegħu hemm prova oħra li turi l-ħtija tal-appellata u jirreferi għax-xiehda ta' Marisa Polidano li tgħid li l-appellata kienet preżenti ma' missierha meta tkellmet magħhom dwar il-possibilita' li tinħareġ il-polza. Jkompli li l-polza nħarġet fl-istess ġurnata u li din id-data hija l-istess data tal-*proposal form*. Jisħaq li l-appellata kellha bżonn polza u li l-vettura kienet fil-pussess tagħha u għalhekk il-provi cirkostanzjali kollha jippuntaw lejn direzzjoni waħda. L-appellant jagħmel riferenza għall-istqarrija tal-appellata fejn hija tgħid li hija ffirmat il-formoli li ġabilha missierha.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u

legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi dan il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jdur primarjament mad-dikjarazzjonijiet li saru fil-*proposal form* li riedet timtela sabiex tkun tista' tinkiseb assigurazzjoni li tkopri l-vettura li kienet qed tiġi wżata mill-appellata.

Illi meta l-appellata ġiet mistoqsija dwar il-*proposal form*, hija tgħid li hija ffirmat id-dokumenti li kien ġabilha missierha u li hija ma kinitx taf x'kien fiha. Din il-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq din id-dikjarazzjoni sabiex tasal għall-konklużjoni li l-appellata ffirmat tali dikjarazzjoni. Minbarra dan, din il-Qorti trid tqies ukoll dak li qalet il-*manager* tas-soċjeta' Atlas Insurance ossia Marisa Polidano fix-xiehda tagħha tat-3 ta' Diċembru 2012 (*a fol. 45 et seq.*) meta hija kkonfermat li kienet taf li l-vettura ma kinitx tal-appellata. Minbarra dan, din il-Qorti tinnota wkoll li l-istess xhud Polidano kkonfermat li qabel ma ġiet mimlija l-formola kien hemm diskursata sħiħa u li d-deċiżjonijiet ittieħdu konsegwenza ta' din id-diskursata. Dan idaħħal dubju f'moħħ din il-Qorti u xorta ma jweġibx b'mod sodisfaċenti l-kweżit ta' min iffirma d-dikjarazzjoni in kwistjoni.

Illi l-appellant jgħid li l-provi ċirkostanzjali kollha jippuntaw lejn id-direzzjoni tal-appellata. F'dan ir-rigward tajjeb jiġi imfakkar li l-provi ċirkostanzjali huma importanti ħafna fil-kuntest probatorju u ħafna drabi jafu jwasslu waħedhom għas-sejbien ta' ħtija tal-persuna mixlija. Iżda sabiex deċiżjoni tkun imsawwra fuq provi ċirkostanzjali huwa essenzjali li dawn il-provi jkunu univoċi fis-sens li jippuntaw kollha lejn direzzjoni waħda. F'dan ir-rigward

din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** (Numru 374/2022/1) fejn din il-Qorti diversment preseduta qalet hekk:

> "**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud:
>
> > *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*
>
> **<u>Għandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innoċenza tiegħu</u>**. Illi għalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.
>
> Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil</u>**:[1] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi preċiżjoni matematika"*.
>
> Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi."

[1] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961."

Illi f'dan il-każ wieħed ma jistax jgħid li l-provi huma kollha univoċi. Biżżejjed wieħed iħares lejn ix-xiehda mogħtija mill-espert kalligrafiku Joseph Mallia fit-12 ta' Marzu 2019 fejn jispjega hekk (*a fol.* 213):

> "Il-karatteristiċi li hemm fil-firma li hemm fuq id-dokument u l-kitba ta' Juanita Fenech, il-karatteristiċi ta' kemm l-angolazzjoni, kemm dik li hija *pressure*, kemm dak li huwa disinn, ma jaqblux mal-istess firma kif ukoll kitba Juanita Fenech kif tatni l-kampjuni s-sinjura Juanita Fenech *seduta stante*."

Illi meta l-espert Joseph Mallia xehed b'dan il-mod huwa kien qed jixhed fuq ir-rapport redatt minnu, liema rapport ġie mmarkat bħala Dok. "JM" (*a fol.* 214 *et seq.*). Tenut kont ta' dan, din il-Qorti hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn fuq naħa hemm dikjarazzjoni ġenerika da parte tal-appellata li ffirmat il-karti li ġabilha missierha u minn naħa l-oħra hemm rapport tal-espert kalligrafiku li jgħid li l-firma fuq il-formola ma taqbilx mal-kalligrafija tal-appellata.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali huwa korrett meta jgħid li din il-Qorti ma għandhiex obbligu li toqgħod fuq ir-rapport tal-espert tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha. Dwar dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Akram Amar Swayah** (Numru 124/2005), fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "L-ewwelnett jiġi osservat illi Dr. Stanley Zammit ma eżaminax lil P.S. 951 Joseph Tonna iżda lil P.C. 152 Consiglio Tanti. Dan jidher ċar miċ-ċertifikat Dok. ST1 *a fol.* 64 tal-proċess. Kwantu għal dak li wassal lill-Ewwel Qorti li tikkunsidra l-offiża li ġarrab P.S. 951 Joseph Tonna bħala gravi, l-Ewwel Qorti qalet hekk:
>
>> "Illi dwar il-ferita subita minn P.S. 951 Joseph Tanti [**recte**: Tonna], il-Qorti taqbel ma' dak li qal Doctor Gunther Abela dwar in-natura ta'

> tali ferita fis-sens li kienet ta' natura gravi u fil-fehma tagħha tali ferita hija dik li taqa' fil-parametri tal-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex tikkostitwixxi sfreġju gravi u permanenti fil-għonq. Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura ħafifa, għaliex fil-fehma tiegħu, peress li l-imputat [**recte**: il-vittma] huwa raġel ta' ħamsa u erbgħin sena u għandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bħala ferita ta' natura gravi.
>
> Il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè min għandu jiddeċiedi, mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tiegħu. F'dan il-każ il-Qorti rat *di viso* l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija waħda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinħass ukoll."

Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda spropożitu legali jew loġiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taċċetta jew ma taċċettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Mejju 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Cauchi** (Numru 80/2017), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Dwar ir-relazzjonijiet tal-esperti maħtura, kif huwa ritenut kostantament, huwa rimess fil-ġudizzju aħħari ta' min hu imsejjaħ biex jiġġudika li jiżen il-konklużjonijiet tal-esperti nominati, bis-setgħa illi l-istess jistgħu mill-Qorti jiġu mwarrba u dan kif hemm imfassal fl-Artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali meta hemm dispost illi "**min**

**għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu**." Madanakollu –

> **Huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u li l-Qorti mhijiex tenuta li taddotta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, jibqa' l-fatt li l-Qorti m'għandhiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-esperti tekniċi, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kapriċċjuz, u kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa.[2]"**

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jispjega li għaddew numru ta' snin minn meta ġiet iffirmata l-formola in kwistjoni iżda jonqos milli jispjega kif dan inaqqas mill-preċiżjoni tad-determinazzjoni tal-perit tekniku. Din il-Qorti fliet bir-reqqa r-rapport redatt mill-espert Joseph Mallia u ma għandhiex raġuni għalfejn tiddubita mill-konklużjonijiet milħuqa minnu.

Illi in vista ta' dan huwa evidenti li wieħed ma jistax serenament jgħid li l-provi li ġew ippreżentati jippuntaw kollha lejn id-direzzjoni tal-appellata. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li fil-kamp kriminali l-livell ta' prova li jrid jintlaħaq huwa dak lil hinn minn kull dubju raġonevoli, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rapport tal-espert kalligrafiku joħloq dubju raġonevoli. In vista ta' dan, l-Ewwel Qorti, anke meta wieħed jikkunsidra l-istqarrija tal-appellata, setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dana illi l-aggravju in eżami jistħoqqlu jiġi miċħud.

---

[2] "**Roseanne Galea u John David Galea vs. L-Avukat Ġenerali u L-Kummissarju tal-Pulizija**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017 (Rikors Nru. 30/15 MCH)."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant,

- tiċħad it-tieni aggravju tiegħu u b'hekk, għajr għal kwistjoni tal-istqarrija rilaxxata mill-appellata allura imputata, tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tan-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fl-appellata fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**